MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 188/2003

**Sullivan Maritime Limited**
**vs**
**Agrinet Limited**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premess prezentat mis-socjeta' attrici, fit-27 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM820.35) rapprezentanti servizzi resi lis-socjeta' konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghal dan l-ammont, u ghalkemm debitament interpellata s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM820.35)

Bl-imghax mill-11 t'Ottubru, 2002, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Dicembru, 2002.

Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.

Sema lill-Avv. Dr. Philip Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM820.35), bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------